# Stqarrija għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 14.02.08 |
| **Ref:** | KDŻ 03/08 | **Paġni:** | 1 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċità li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## *Sponsorship* ta' numru ta' biljetti ta' l-ajru għall-WYD 2008

Fix-xahar ta' Lulju 2008, f'Sydney, l-Awstralja, ser tiġi ċċelebbrata l-*World Youth Day* 08. Għal dan l-avveniment tal-Knisja Kattolika, ġew mistiedna żgħażagħ mid-dinja kollha sabiex jgħixu esperjenza ta' fidi fuq il-vers mill-Atti tal-Appostli: *"Intom tirċievu l-qawwa meta jinżel fuqkom l-Ispirtu s-Santu u tkunu xhieda tiegħi" (Atti 1, 8)*

Id-Djoċesijiet ta' Malta u Għawdex nedew mixja ta' fidi għaż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin sabiex tħeġġiġhom fl-impenn tagħhom li jkunu huma l-evanġelizzaturi fost sħabhom. Wieħed jista' jsib riżorsi għal din il-mixja fil-websajt tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ www.kdz.org.mt.

Il-Kummissjoni tixtieq tinforma lid-diriġenti ta' l-għaqdiet u l-movimenti taż-żgħażagħ u l-Kappillani li l-Gvern, permezz tal-KDŻ, qiegħed jagħti bħala *sponsor* il-biljett ta' l-ajru lil numru ta' żgħażagħ sabiex jakkumpanjaw il-grupp ta' żgħażagh Maltin u Għawdxin li telgħin Sydney għall-okkażjoni tal-World Youth Day. Għalhekk, qed issir stedina lil dawk id-diriġenti u Kappillani li jixtiequ jagħtu opportunita` lil xi żagħżugħ/a sabiex jimlew il-formola li tista' tinkiseb mill-uffiċini tal-KDŻ jew mill-websajt www.kdz.org.mt.

Iż-żgħażagħ li jiġu sponsorjati jridu jkunu bejn it-18 u l-35 sena u għandhom ikunu żgħażagħ li l-qagħda finanzjarja tagħhom ma tipprermettilhomx li jivvjaġġaw. L-Għaqda jew parroċċa li tinnomina għandha tkun lesta li tgħin finanzjarjament hi wkoll dwar l-ispejjeż addizjonali sabiex tagħmilha possibli lil dawn iż-żgħażagħ li jieħdu sehem f'din l-attivita`. F'każ li n-numru ta' applikanti jeċċedi n-numru ta' postijiet li jridu jimtlew, l-għażla ssir bil-polza. Tista' tintagħżel biss persuna waħda minn kull għaqda jew parroċċa li japplikaw. Il-KDŻ tirriserva d-dritt ta' l-għażla finali. Għal aktar informazzjoni twieħed jista' jċempel fuq 21484506.

TMIEM■■■■

flimkien
għas-servizz
taż-żgħażagħ